MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 196/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Borg**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b'att ta' citazzjoni kontra Noel Borg, bin Ivo u Rita nee Galea, imwieled fis-27 ta' Dicembru 1962, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 69863M, talli bejn il-15 ta' Marzu 2008 u l-14 ta' April 2008 f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil martu s-somma ta' Lm60 dovuta bhala manteniment skond digriet nru 1704/03 mahrug mill-Imhallef Dott. J. Azzopardi kif ukoll talli naqas milli jaghti s-somma ta' manteniment lill-minuri A.B. ossia s-somma ta' Lm55 skond digriet nru 35/04 mahrug mill-Imhallef Dott. G. Valenzia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, ikkundannat lill-imsemmi Noel Borg gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Noel Borg, minnu pprezentat fis-26 ta’ Gunju 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta’ Settembru 2008; rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Settembru 2008 li permezz tieghu rrespingiet il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali tan-nullita` tar-rikors ta’ appell; ikkunsidrat:

L-appellant qed jappella fuq il-piena. Kif jispjega l-istess appellant fir-rikors ta’ appell tieghu, il-qorti civili kompetenti ordnatlu li jhallas lil martu s-somma ta’ Lm115 fix-xahar, u dan kwantu ghal Lm60 bhala manteniment ghal martu, u Lm55 bhala manteniment ghat-tifla (li llum jirrizulta li ghandha erbatax-il sena). L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens li hu “kien kostrett jammetti l-imputazzjoni odjerna ghaliex ghadu ma nghata ebda provvediment mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, dwar il-fatt li t-tifla…issa ilha tghix ma’ l-appellant ghal aktar minn tlett snin u kwindi l-manteniment suppost pagabbli lil martu ghandu jkun biss ta’ mija w disa’ w tletin ewro u sitta w sebghin centezmu (€139.76) [cioe` sittin lira Maltin (Lm60)] fix-xahar minflok dak prezenti ta’ mitejn seba’ w sittin ewro u tmienja w tmenin centezmu (€267.88) [cioe` Lm115]. Li kieku jigi rikonoxxut u sanzjonat dan l-istat ta’ fatt,” ikompli l-appellant, hu “…ikun jista’ jitlob varjazzjoni tal-manteniment pagabbli *pendente lite*.” It-tieni aggravju hu fis-sens illi “meta jigi kkunsidrat li l-appellant qieghed ikollu jipprovdi ghalih innifsu u ghat-tlett uliedu li jghixu mieghu, kif ukoll il-fatt tad-dhul ridott tieghu mill-professjoni ta’ *hairdresser*, l-imposizzjoni ta’ piena ta’ detenzjoni hija mhux biss harxa zzejjed izda talli mhux gustifikata fic-cirkostanzi tal-kaz u, jekk konfermata u b’hekk l-appellant jispicca l-habs, ser tippregudika primarjament l-istess tfal tal-appellant, li kif inghad jghixu mieghu.”

Din il-Qorti tibda biex tghid li hi – u certament dan jghodd anke ghall-qorti ta' prim istanza – dejjem tipprova taghmel minn kollox biex f'kazijiet bhal dawn l-imputat li jkun ma jispiccax il-habs, u dan anke biex, fejn hu possibbli, ma tezacerbax is-sitwazzjoni bejn il-konjugi. Hafna drabi jekk il-Qorti tara mqar xintilla ta' bona volonta` da parti ta' l-imputat jew appellant – bhal, per ezempju, li jithallas ghall-anqas parti mill-manteniment, jew dan jithallas ghall-anqas tardivament – hija tkun propensa li flok detenzjoni tinfliggi piena pekunjarja jew tghaddi biex tapplika xi wiehed mill-provvedimenti tal-Att dwar il-*Probation*. F'dan il-kaz, pero`, mill-provi jirrizulta li l-appellant ilu sa minn Jannar ta' din is-sena ma jaghti sold wiehed lil martu – fi kliem iehor, mhux, per ezempju, taha biss il-manteniment ta' Lm60 fix-xahar ghax, kif qed jippretendi, m'ghandux ihallas lil martu l-manteniment dovut ghat-tifla ghax din, dejjem skond hu, qed tghix jew kienet qed tghix mieghu u mhux ma' martu, **izda addirittura <u>ma taha xejn</u>**. Dan juri li l-ewwel aggravju ta' l-appellant ma huwa xejn ghajr skuza ta' l-okkazjoni – mhux veru li l-appellant lest li jhallas biss is-Lm60 flok il-Lm155, ghax kieku l-aktar haga semplici kienet tkun li hu jaghmel proprju hekk, u cioe` ihallas ammont ridott. Veru li xorta wahda kien ikun qed jikser il-ligi, ghax l-ordni tal-qorti civili kompetenti ghandu jigi osservat sakemm dik l-istess qorti ma tvarjahx; izda ghall-anqas l-appellant ikun qed ikun konsistenti mieghu nnifsu u ma' dak reklamat fl-ewwel aggravju! Kemm l-appellant qed jagixxi semplicement b'pika ma' martu u mhux ghax jikkontendi li m'ghandux ihallas aktar manteniment ghat-tifla galadarba din tghix – skond hu – mieghu, jirrizulta ampjament mill-fedina penali aggornata ezibita fil-kors ta' dana l-appell mill-Avukat Generali. Minn din il-fedina penali jirrizulta li minn <u>Mejju tal-2002</u> sal-lum huwa gie kkundannat xejn anqas minn hamsa w ghoxrin darba dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment. Kif gustament osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha:

**"…din mhix l-ewwel darba li l-imputat deher quddiem din il-Qorti b'dawn it-tip ta' imputazzjonijiet kontra tieghu. Illi minkejja diversi sentenzi kontrih tul dawn l-ahhar snin, u minkejja diversi weghdiet min-naha tieghu li hu ser jottempera ruhhu mal-ligi, xorta ghadu**

**sal-lum ma rregolarizzax il-posizzjoni tieghu. Il-Qorti tat diversi twissijiet lill-imputat li jekk kien ser jibqa' jippersisti fin-nuqqas ta' hlas ta' manteniment, kien ser ikollu l-piena skond il-ligi, kif effettivament din il-Qorti ser ikollha taghmel f'din il-kawza…"**

Anqas ma hi din il-Qorti impressjonata bir-rikors, presentat il-bierah, li permezz tieghu l-appellant talab differiment u informaha li biex ihallas l-arretrati ta' manteniment huwa kien qed jipproponi li jbiegh xi fond li ghandu lil ibnu. Apparti li bil-mod kif kien redatt it-tieni aggravju ta' l-appell tieghu, din il-Qorti neccessarjament fehmet li t-tfal ta' l-appellant kienu kollha minorenni u/jew dipendenti fuqu, mentri issa jirrizulta li addirittura wiehed minnhom hu kapaci jixtri proprjeta` minghand missieru, il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ilu wisq issa jevadi l-obbligi tieghu u jikser il-ligi. Dana l-appell – appella f'kawza sommarja – ilu pendenti minn Gunju, u ma kien hemm xejn xi jzomm lill-appellant, kieku verament ried jottempera ruhhu mal-ligi, li jaghmel qabel dak li qed jipproponi issa. L-ewwel aggravju qieghed, ghalhekk, jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti tarah bhala tentattiv meskin biex l-appellant jinqeda b'uliedu biex jipprova jiskansa l-piena u jkompli jisfida l-ordni tal-qorti civili kompetenti. Jekk verament l-appellant ghandu tlett uliedu ohra jghixu mieghu – ghax dwar dan il-fatt ma ngabux provi quddiem din il-Qorti – messu haseb fihom u gab ruhhu b'mod differenti. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------